**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 12 ta' Lulju, 2023**

Numru 14

**Appell Nru. 18/2023**

**Dr Reuben Farrugia**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Charles Polidano**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Charles Polidano tat-3 ta’ April 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta’ Marzu 2023 li biha laqa’ l-appell tat-terz Dr Reuben Farrugia u irrevoka l-permess PA2461/16 billi hu emenda tal-permess PA2802/13 li gie revokat mil-istess Tribunal b’decizjoni tal-istess jum. L-applikazzjoni tghid hekk: ‘to carry out additions and alterations to approved development (PA2802/13). Redesigning and additions to dwelling 8/9, alley 1, redesigning of dwellings 27/58/59/60 Triq il-Kbira, replacement of roofs (timber beams and xorok using same materials) due to bad condition of timber beams and addition of swimming pool;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi milqugh;

Rat ir-risposta ta' Dr Reuben Farrugia li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li safejn rilevanti ghall-appell tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi kif indikat aktar kmieni, il-permess odjern huwa emenda tal-permess originali PA02802/13, u ghaldaqstant dan jorbot direttament mal-validita tal-imsemmi permess originali. Illi gialadarba kif qed jigi deciz fl-appell relattiv 28/15, il-permess PA02802/13 qed jigi mhassar, ma' hemm l-ebda skop li jigu kkonsidrati l-aggravji mressqa fil-konfront tal-hrug tal-permess odjern stante li dan kien jorbot mal-validita tal-permess originali PA02802/13, liema validita qed tigi mhassra fl-imsemmi appell. Ghaldaqstant it-Tribunal ma' ghandu l-ebda ghazla ohra hlief li ihassar ukoll il-permess odjern.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jilqa' dan l-appell u jhassar il-permess PA002461/16.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu illi l-permess kien fost affarijiet ohra jissana kwalsiasi illegalita. L-appellant jissottometti illi meta inizjalment nieda x-xoghlijiet kien hemm element ta' sanzjonar da parti tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali billi diversi illegalitajiet ma gewx indirizzati izda dawn gew indirizzati u b'hekk sorvolati. Ghalhekk it-Tribunal kien skorrett meta qal li l-applikazzjoni ma inkludietx is-sanzjonar tal-illegalitajiet prezenti, u li l-pjanti sottomessi ma kienux cari li fil-fatt qed jigi sanzjonat il-ksur. It-Tribunal f'kull kaz ma setax jasal ghal konkluzjoni li l-applikazzjoni li waslet ghal hrug tal-permess hi monka ghax anki jekk ghal grazzja tal-argument kien hemm xi nuqqas procedurali, il-ligi ma tqis li l-applikazzjoni titqies nulla ipso iure. It-Tribunal qies il-ligi b'mod strett wisq meta l-applikant mexa b'korrettezza u wera l-intenzjoni mill-bidu li kull illegalita tigi sanata skont regolament 17 tal-Avviz Legali 162/2016 u dan permezz tal-pjanti annessi mal-applikazzjoni u ritratti li qed jigu esebiti mal-appell li juru restawr estensiv u li l-illegalitajiet kienu qed jigu indirizzati.

Dan l-aggravju mhux legalment sostenibbli. Kif qal sew it-Tribunal u kif gie konfermat bis-sentenza ta' din il-Qorti tallum stess (appell 17/2023) la darba l-permess originali 2802/13 gie revokat u ghalhekk bla ebda effett, kull talba ghal tibdil konness ma' dak il-permess illum hu bla ebda bazi billi ma hemmx permess li fuqu jista' jistrieh ghat-tibdil tieghu. Id-dicitura tal-applikazzjoni titkellem wahedha fuq x'kien l-iskop wara t-talba.

Ghalhekk dan l-appell hu infondat.

**Decide**

Ghal din ir-raguni l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Charles Polidano u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-14 ta' Marzu 2023, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur